SANTA LUĊIJA

# LAQGĦA TAL-LOKALITA` - 2010

**DATA: Is-Sibt, 30 ta' Jannar 2010** **ĦIN: 9.00a.m.**

Il-Laqgħa tal-Lokalita` saret fis-Sala tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki f'Dawret it-Torri, Santa Luċija.

Attendew għal-Laqgħa: Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Joe Balzan, il-Kunsilliera: Caroline Galea, Joe Bonello u Paulette Gafa`, is-Segretarja Eżekuttiva Caroline Silvio, u l-iskrivana Claudia Costantino flimkien ma' numru ta' residenti.

## 1. MERĦBA MIS-SINDKU

Is-Sindku, filwaqt li sellem lil dawk preżenti u tagħhom merħba, stqarr li din il-laqgħa pubblika kienet qed issir kif provdut fl-Att tal-Kunsilli Lokali.

## 2. RAPPORT AMMINISTRATTIV

Is-Sindku għadda biex qara u spjega r-rapport amministrattiv li ġie ppreparat mis-Segretarja Eżekuttiva tal-Kunsill għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' April 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009. Fost l-aktar affarijiet importanti li ssemmew insibu:

- Xogħolijiet fuq manutenzjoni ta' toroq u bankini li għamel il-Kunsill matul din l-aħħar sena
- Ġonna Pubbliċi
- Proġetti f'Santa Luċija
- Ġbir ta' Skart
- Attivitajiet indirizzati lejn il-Komunita'
- Amministrazzjoni.

Kopja ta' dan ir-rapport qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti.

## 3. PJAN TA' ĦIDMA GĦAS-SENA 2010

Is-Sindku qara pjan ta' ħidma li l-Kunsill għandu għas-sena 2010. Huwa spjega fid-dettall il-punti kollha li hemm imsemmija f'dan ir-rapport li kopja tiegħu qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti. Fost dawn insibu:

- Allokazzjoni Finanzjarja
- Xogħol fuq Toroq u Bankini
- Ċentru Ċiviku
- Ġnien is-Serenita'
- Devoluzzjoni tal-Ġibjuni f'Santa Luċija
- Proġett ta' Latrina Pubblika
- Servizz ta' Ġbir ta' Skart
- Impenn lejn il-Komunita'.

**Nota: Waqt il-qari tar-Rapport Amministrattiv u l-Pjan ta' Ħidma ittellgħat *power point presentation* tal-punti prinċipali ta' dawn iż-żewġ r-rapporti.**

## 4. KUMMENTI U SUĠĠERIMENTI TAR-RESIDENTI

### 4.1 Is-Sur Michael Pule`

Is-Sur Pule` tkellem dwar l-attivitajiet relatati mal-ġemellaġġ bejn Santa Luċija u l-Muniċipalitajiet ta' Gabiano u Lumpiaque. Huwa rrefera għal konferenza li saret f'Santa Luċija f'April 2009 u qal li xtaq jara xi attivita' li fiha tkun involuta l-komunita' kollha u li minnha jista' jibbenifika kulħadd. Huwa rrimarka wkoll dwar il-fatt li għal din il-laqgħa tal-lokalita' attendew biss numru żgħir ta' residenti u qal li hawn nies li ma jimpurtahomx u dan huwa sintomu ħażin. Dwar il-ġbir ta' skart huwa stqarr li kien jaqbel li dan jinġabar filgħaxija u li issa kien għadda żmien biżżejjed biex tinderha s-sistema l-ġdida, għalhekk il-Kunsill irid juża id tal-ħadid ma' min jabbuża. Is-Sur Pule` kkummenta dwar id-*data base* tar-residenti u qal li mhux kulħadd għandu l-*e-mail* u huwa *computer literate*. Huwa qal li ssemmew fondi li jiġu minn skemi li joħroġ il-Gvern għal Kunsilli Lokali u staqsa x'inhuma dawn l-iskemi. Dwar id-devoluzzjoni tal-ġibjuni li ssemmew fil-Pjan ta' Ħidma huwa staqsa x'ser jagħmel il-Kunsill bl-ilma li jinġabar f'dawn il-ġibjuni. Huwa ssuġġerixxa li l-ġibjun li hemm fl-iskola tal-Junior Lyceum tal-Bniet jiġi konvertit f'sala għall-iskola. Is-Sur Pule ssuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel xi attivita' li tkun sinonima mal-lokalita' ta' Santa Luċija bħal ma jiġi organizzat fil-lokalita' tal-Birgu u l-Mellieħa li jkollhom "Iljieli Mellieħin".

#### *Tweġiba tas-Sindku*

Fir-rigward tal-ġemellaġġ is-Sindku qal li l-konferenza li saret f'April 2009 bl-isem ta' "*Promoting Intercultural Dialogue*" kienet miftuħha għal kulħadd. Huwa qal li din kienet parti mill-programm "*Europe for Citizens*" u l-fondi kienu biex isiru konferenzi li t-temi għalihom toħroġhom l-Unjoni Ewropea. Huwa qal li l-Kunsill ħa l-massimu tal-fondi disponibbli u din hija prova ċara li din l-attivita' kienet tissodisfa l-kriterji kollha ta' dan il-proġett. Huwa qal li ma tistgħax tħallat il-lokalita' ta' Santa Luċija ma' dik tal-Birgu u l-Mellieħa li għandhom il-karatteristiċi kulturali biex itellgħu attivita' bħal ma ppropona s-Sur Pule`. Biss huwa qal li matul is-sena l-Kunsill ma jiqafx jorganizza attivitajiet. Huwa qal li din is-sena l-Kunsill ikkollabora ma' l-aġenzija Appoġġ

biex ittellgħat attivita' nazzjonali bl-isem ta' '*Enchanted Tales*' li saret fi Ġnien is-Serenita'. Semma l-koperazzjoni li ta l-Kunsill lil resident minn Santa Luċija li xtaq itella' *Vintage Car Show*. Semma wkoll il-kunċert tal-Milied li fih ipparteċipaw tfal u żgħażagħ u li minnu ħareġ il-livell għoli ta' talent li wieħed isib fost il-komunita' ta' Santa Luċija. Dwar l-iskemi għal fondi li qed joħroġ il-Gvern huwa qal li l-Kunsill qiegħed isegwi dawn l-iskemi u jidħol għal kull opportunita' li jkun hemm biex jinġiebu fondi. Huwa qal li mill-ewwel tas-sena 'l hawn diġa saru żewġ applikazzjonijiet, waħda biex jitħawwlu aktar siġar u l-oħra għal sistema ta' enerġija alternattiva fejn il-Kunsill ippreżenta proġett li bih il-*floodlighting* tal-*5-a-side football pitch* jitħaddem bl-*LED floodlights*. Huwa qal li fil-ġranet li ġejjin il-Kunsill ser ikun qed japplika fuq skema oħra dwar aċċessibilita' aħjar fejn il-Kunsill qed jipproponi li ssir rampa quddiem l-uffiċċju tal-Kunsill bħal dik li hemm quddiem il-librerija tal-Belt. Dwar il-proposta biex il-ġibjun li hemm fl-iskola jiġi kkonvertit f'sala, is-Sindku qal li din l-idea ta' min jikkunsidra.

### 4.2 Is-Sur Joseph Zammit

Is-Sur Zammit semma l-attivita' li fiha residenti minn Santa Luċija marru Lumpiaque u pparteċipaw fil-programm "*Europe for Citizens*". Huwa qal li hu kien iddispjaċih li ma kienx jaf b'din l-inizjattiva. Is-Sur Zammit ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-monument tal-ħelsien għandu bżonn ta' manutenzjoni peress li għandu xi ġebel maqlugħ u jista' jkun ta' periklu.

***Tweġiba tas-Sindku***

Is-Sindku qal li kienu saru avviżi mas-seba' *notice boards* li għandu l-Kunsill madwar Santa Luċija u inqara l-avviż ukoll waqt il-quddiesa ta' kuljum. Is-Sindku qal li l-problema tal-Kunsill kien li ma sabx nies biżżejjed biex jintlaħaq in-numru ta' parteċipanti li kien hemm bżonn u kważi "spiċċajna nħabtu l-bibien". Is-Sindku rrimarka wkoll li l-Kunsill ikun marbut li jikkordina dawn l-attivitajiet fi żmien relattivament qasir u jridu jiġu rispettati d-*deadlines*.

### 4.3 Is-Sinjura Pauline Borg

Is-Sinjura Borg irreferiet għas-servizz ta' ġbir ta' skart u għas-*survey* li sar f'dawn il-ġranet. Hija qalet li r-riżultat juri li 70% tar-residenti jaqblu li dan jinġabar filgħaxija u staqsiet x'ser jagħmel il-Kunsill għal dawk it-30% li ma jaqblux. Hija qalet li hi toqgħod fl-aħħar sular ta' Blokk t'appartamenti u trid toqgħod tinżel dak it-taraġ kollu.

***Tweġiba tas-Sindku***

Is-Sindku qal li l-Kunsill irid jimxi ma' li trid il-maġġoranza għax hekk titlob id-demokrazija. Huwa qal li barra mill-ġbir ta' skart imħallat li jinġabar mit-Tnejn sal-Ħadd, f'Santa Luċija hawn diversi *bring in sites* fejn wieħed jista' jeħles mill-iskart separat x'ħin irid.

## 4.4 Is-Sur Carmel Schembri

Is-Sur Schembri tkellem dwar Triq il-Peprin u ssuġġerixxa li ssir *rubber hump* oħra f'din it-triq. Huwa qal li r-*rubber hump* li hemm mhix effettiva u trid issir aktar l-isfel lejn ir-*roundabout*. Huwa tkellem dwar Triq iż-Żafran li tagħti għal garaxxijiet li hemm taħt il-Blokk. Huwa kkummenta fuq l-istat ħażin li tinsab fih din ir-rampa u qal li hemm bżonn titnaddaf mill-iskart li jinġabar fiha. Is-Sur Schembri tkellem ukoll dwar il-ħmieġ taż-żwiemel u tal-klieb.

***Tweġiba tas-Sindku***

Is-Sindku qal li r-*road hump* li hemm fi Triq il-Peprin saret bil-permess ta' l-ADT u għalhekk kull bdil li jkun hemm fuq il-post ta' dawn ir-*road humps* irid isir bl-approvazzjoni mill-ġdid ta' l-ADT. Huwa qal li meta kien imsiefer kien ra sistema fejn ikun hemm partijiet fejn it-triq tidjieq biex jiġi kkontrollat l-*overspeeding*. Huwa qal li l-Perit tal-Kunsill qed jiġbor aktar informazzjoni fuq din is-sistema. Dwar Triq iż-Żafran is-Sindku qal li ser jara x'hemm bżonn isir. Fir-rigward tal-ħmieġ tal-klieb huwa qal li l-Kunsill introduċa *doggie bins* madwar ir-*ring road* u ser ikun qed jinstalla aktar minn dawn il-*bins* madwar il-lokalita'. Huwa qal li s-sid tal-kelb huwa obbligat li jneħħi l-ħmieġ tal-kelb minn fuq il-bankina u mhux fit-triq. Dwar il-ħmieġ taż-żwiemel qal li biex tagħmel rapport irid ikollok min jixhed, iżda ser jara aktar fid-dettall dwar kif inhi l-proċedura bħalissa.

## 4.5 Is-Sur Laurence Ciantar

Is-Sur Laurence Ciantar ikkummenta dwar il-fatt li minkejja l-avviżi tal-Kunsill xorta jkun hawn ftit nies li jattendu għal din il-laqgħa. Huwa qal li apprezza li fil-*power point presentation* ingħata tarif dwar kif tkun imqassma l-allokazzjoni tal-Kunsill. Is-Sur Ciantar għamel suġġeriment dwar *railing* li hemm bżonn isir fuq iz-zuntier tal-Knisja. Huwa qal li hemm tarġa li ma tindunax biha minħabba d-dell li tagħmel siġra li hemm fil-viċin. Is-Sur Ciantar qal ukoll li jixtieq jara xi proġett dwar *renewable energy* li minnu jistgħu jibbenefikaw ir-residenti.

***Tweġiba tas-Sindku***

Is-Sindku rrefera għall-avviżi tal-laqgħa tal-lokalita' u qal li biex il-Kunsill għamel l-avviżi kollha rikjesti mill-liġi nefaq madwar €500. Huwa qal li l-fatt li għal din il-laqgħa ma jattendux numru kbir ta' residenti mhux bilfors tista' tiġi nterpretata bħala xi ħaġa negattiva. Huwa qal li hemm residenti li ma joqogħdux jistennew il-laqgħa tal-lokalita' biex iresqu s-suġġerimenti u l-ilmenti tagħhom. Huwa qal li wara kollox il-bieb tal-Kunsill huwa miftuħ għar-residenti s-sena kollha. Kompla jgħid li dan jista' jkun ukoll sinjal li r-residenti għandhom fiduċja sħiħa fil-Kunsill u huma kuntenti kif dan qed imexxi. Huwa qal li r-resident jista' jara l-minuti minn fuq il-*website* u jżomm ruħu aġġornat bix-xogħol kollu tal-Kunsill u jagħmel is-suġġerimenti minn fuq l-istess *website*. Fir-rigward ta' proġett tar-*renewable energy*, is-Sindku qal li bħalissa l-Kunsill qed jaħdem biex japplika għal fondi biex isir *architectural lighting* fi Ġnien is-Serenita' u jiġi mdawwal il-Jogging Track u tkellem dwar l-idea li jsiru *photovoltaic cells* tul id-*drop* li hemm mill-*promenade* f'Dawret it-Torri għal Wied Garnaw.

## 4.6 Is-Sinjura Catherine Polidano

Is-Sinjura Polidano qalet li xtaqet tirringrazzja lill-istaff tal-Kunsill tal-koperazzjoni li sabet kull meta ċemplet l-uffiċċju. Hija tkellmet dwar Ġnien is-Serenita' u qalet kemm tisma kummenti sbieħ min-nies barra l-lokalita' b'mod partikolari minn għalliema li jġibu l-istudenti jżuru dan il-ġnien uniku. Hija qalet li għandha tingħata attenzjoni li l-ilma tal-vaska jkun iffiltrat sew u l-istrutturi ta' l-injam għandhom bżonn ta' manutenzjoni. Hija tkellmet dwar in-nixfa li jġib miegħu l-istaġun tas-Sajf u ssuġġerit li wieħed jagħmel użu mill-*underground reservoirs* biex jilqa' għal din in-nixfa. Is-Sinjura Polidano tkellmet dwar il-Picnic Area u ssuġġerit li l-Kunsill jiddedika żona aktar ristretta fejn jitpoġġew l-iskulturi biex dawn ma jkunux ta' periklu għat-tfal li jużaw din l-*area* rikreattiva. Is-Sinjura Polidano qalet li xtaqet tara aktar inizjattivi sportivi indirizzati lejn iż-żgħażagħ bħal *tournaments* u kompetizzjonijiet.

***Tweġiba mis-Sindku***

Is-Sindku tkellem dwar l-appoġġ li l-Kunsill jagħti lil kull min jaħdem maż-żgħażagħ sew fl-i*sports* kif ukoll f'oqsma oħra. Huwa qal li din is-sena l-Kunsill bagħat żewġ żgħażagħ minn Santa Luċija li pparteċipaw f'konferenza li saret fi Sqallija. Fir-rigward tas-*safety* fil-Picnic Area is-Sindku qal li għalkemm ma jeżisti ebda periklu għat-tfal dawn xorta jridu jkunu segwiti mill-ġenituri speċjalment tfal ta' eta żgħira.

## 5. Kummenti minn membri oħra tal-Kunsill

**5.1** Il-Kunsillier Joe Bonello irringrazzja lil dawk ir-residenti preżenti għal din il-laqgħa talli għoġobhom jattendu u appella biex imexxu l-kelma dwar il-bżonn tal-koperazzjoni tar-residenti biex is-servizz tal-ġbir ta' l-iskart ikun wieħed effiċjenti.

**5.2** Il-Kunsilliera Caroline Galea qalet li kultant wieħed irid jieħu l-ewwel pass hu. Hija qalet li l-Kunsill għaddej bix-xogħol tiegħu b'mod regolari. Hija rreferit għal laqgħat tal-Kunsill li jkunu miftuħa għal pubbliku u li minnhom wieħed ikun jaf b'kull inizjattiva tal-Kunsill. Hija qalet li mbagħd wieħed ikun jista' jressaq is-suġġerimenti u l-ilmenti tiegħu.

**5.3** Il-Kunsilliera Paulette Gafa' irreferit għal attivita' sportiva fil-lokal u qalet li meta kellha l-okkażjoni fejn ġiet mistiedna taqqgħad grupp ta' żgħażagħ biex jieħdu sehem f'attivita' sportiva, kienet marret personalment il-Klabb tal-Football u xorta ma rnexxielhiex taqqgħad dan il-grupp. Hija rringrazzjat lil dawk preżenti ta' l-attendenza tagħhom f'din il-laqgħa.

**5.4** Il-Viċi Sindku Joe Balzan qal li kien ħa gost jisma s-suġġerimenti ta' dawk preżenti. Huwa rrefera għad-Dipartiment tal-Bini u Tiswija tad-Djar li kien ġie xolt. Huwa qal li waqt laqgħa li kellu l-Kunsill mas-Segretarju Parlamentari l-

Onor. Chris Said kienet issemmiet il-problema li għandhom in-nies biex iresqu l-ilmenti tagħhom lil dan id-Dipartiment. Huwa qal li sa kemm wieħed jara kif inhuma l-affarijiet, wieħed irid isegwi l-proċess li hemm bħalissa. Huwa qal ukoll li kien ser jibqa' jieħu kull opportunita' li jkollu biex jitkellem dwar dan. Huwa qal li l-ħarġiet kulturali ser jibqgħu jsiru u jieħu gost jieħu xi suġġerimenti dwar il-qasam kulturali. Huwa rringrazzja lil dawk preżenti għall-interess li wrew.

**5.5** Is-Sindku għamel id-diskors ta' l-għeluq fejn wera li xtaq jagħmel punt dwar dak li qalet il-Kunsilliera Caroline Galea waqt din il-laqgħa. Huwa qal li filwaqt li jingħaqad fl-appell tas-Sinjura Galea biex aktar nies jattendu għal laqgħat tal-Kunsill, ried jgħid ukoll li skond il-liġi, min jattendi għal-laqgħat tal-Kunsill ikun jista' jisma biss u ma jistgħax jieħu parti fid-diskussjoni. Huwa qal ukoll li fil-futur qarib ser jiġi introdott *live streaming* ta' dawn il-laqgħat. Is-Sindku rringrazzja l-kollegi tiegħu u qal li l-Kunsill qed imexxi b'għaqda għal ġid tal-lokalita'. Huwa sostna li d-deċiżjonijiet li jittieħdu huma kollha deċiżjonijiet kollettivi u mingħajr l-għajnuna ta' sħabu hu ma jkunx jista' jmexxi. Huwa rringrazzja lill-istaff tal-Kunsill u fakkar li l-uffiċċju tal-Kunsill issa qed ikun miftuħ anki fil-ġurnata tas-Sibt.

## 6. GĦELUQ

Il-laqgħa ntemmet fil-11.30a.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarja Eżekuttiva**

**Approvati llum** IL-GIMGĦA

5 **ta'** FRAR **2010**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**